# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Kumpilazzjoni Nru.: 761/2019**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Robert Vella)**

**-vs-**

**NICHOLAS CAMILLERI**
**(ID: 133298M)**

**Illum, 10 ta' Settembru 2020.**

**Il-Qorti,**

Rat illi **NICHOLAS CAMILLERI** detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 133298(M), tressaq quddiemha akkuzat talli nhar il-31 ta' Awwissu 2019 ghall-habta tas-2.30 ta' filghodu gewwa Triq Gianpula, limiti ta' Haz Zebbug, Malta:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' haddiehor, u cioe` hebb fizikament ghal Francesca Vassallo u kkagunalha griehi ta' natura gravi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tittratta dan il-kaz bhala wiehed ta' vjolenza domestika ai termini tal-Kapitolu 581 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta’ htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti u dan ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F’kaz ta’ htija, il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-ahhar nett, il-Qorti giet mitluba wkoll tikkunsidra li f’kaz ta’ htija, tohrog ordni ta’ trattament fil-konfront tal-akkuzat Nicholas Camilleri ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi fis-seduta tal-10 ta’ Settembru 2020, l-Ufficjal Prosekutur qara u halef l-akkuza bil-gurament, u sar l-ezami tal-imputat li wiegeb li mhux hati;

Semghet lill-istess imputat iktar tard waqt l-istess seduta tal-10 ta’ Settembru 2020, jirregistra ammissjoni u jiddikjara li huwa hati tal-akkuza migjuba kontrih;

Rat illi l-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu 9, meta wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu u tatu zmien biex jahseb sew dwar din id-dikjarazzjoni ta’ htija u sabiex jerga’ jikkonsulta mad-difensur tieghu.

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu wara li ddikjara li ma ghandux bzonn iktar hin biex jirrikonsidra din l-ammissjoni u sabiex jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li l-Qorti spjegatlu s-serjeta` u l-piena erogabbli ghall-akkuza li jinsab mixli biha;

Semghet ix-xhieda;

Rat il-provi u l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat fl-10 ta' Settembru 2020 ammetta ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni li del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) u 453(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet debitament ippruvata u b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tal-istess imputazzjoni cioe` illi kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Francesca Vassallo.

Ghall-fini tal-piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti fuq dikjarazzjoni ta' htija tal-imputat, il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni, inkluz il-fatt illi l-ammissjoni saret fi stadju ferm bikri tal-kumpilazzjoni wara li din kienet finalment bdiet tinstema', kif ukoll il-fedina penali kwazi netta tal-imputat u l-eta` zghira tieghu. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li mill-atti u mis-sottomissjonijiet orali li saru mill-partijiet ghal skopijiet tal-piena, jirrizulta li l-imputat u l-parti offiza li entrambu kellhom wiehed u ghoxrin sena fiz-zmien tal-fatti li taw lok ghall-akkuza odjerna, kienu f'relazzjoni flimkien, liema relazzjoni kienet intemmet ftit taz-zmien qabel l-incident mertu tal-kaz. Dan ifisser illi ghandha ragun il-Prosekuzzjoni li dan il-kaz ghandu jitqies li huwa wiehed ta' vjolenza domestika a tenur tal-Artikolu 2(f) tal-Kapitolu 581 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat ukoll li llum il-gurnata, ma ghadx hemm kuntatt bejn il-partijiet u ma ghad fadalx differenzi bejniethom. Hadet qies b'mod partikolari tad-

dikjarazzjoni registrata mill-parte civile Francesca Vassallo waqt l-udjenza tal-lum 10 ta' Settembru 2020, fejn ikkonfermat illi llum il-gurnata il-partijiet irrangaw id-differenzi kollha ta' bejniethom, li hija ma ghandhiex interess iktar f'din l-azzjoni u illi l-offizi sofferti minnha ma hallew ebda konsgwenza jew sfregju.

Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm mic-certifikat mediku rilaxxat fil-31 ta' Awwissu 2019 u esebit in atti[1], jirrizulta illi l-griehi kkagunati mill-imputat jikkonsistu fi ksur tal-imnieher tal-parti offiza Francesca Vassallo u hsara f'zewg sinniet, dawn effettivament ma humiex griehi ta' natura gravi fis-sens imfisser mill-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 ghaliex ma tirrizultax il-permanenza tal-isfregju ravvizata fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.  Dan wara kollox, gie affermat minn Francesca Vassallo nnifisha fid-dikjarazzjoni minnha registrata u kkonfermata bil-gurament taghha qudddiem il-Qorti, fejn sostniet illi l-offizi minnha subiti ma hallew ebda konsegwenza u llum il-gurnata kwalunkwe ksur li kellha fieq kompletament u ma halla l-ebda sfregju kwalsiasi li huwa vizibbli u l-ebda effett iehor anke mhux vizibbli.

Madanakollu, il-Qorti tqis li l-offiza konsistenti fi ksur tal-ghadma tal-imnieher, galadarba tinsab fuq il-wicc u galadarba l-imputat ammetta ghall-akkuza li kkaguna offiza ta' natura <u>gravi</u>, ghandha titqies bhala offiza ta' natura gravi ghall-fini tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9.  Dan jipprovdi hekk:-

*(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin:-*
*…*
*(b) iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.*

[1] Dok. RV3.

Huwa risaput illi l-permanenza o meno tal-offiza ma huwiex fattur essenzjali ghall-finijiet tal-isfregju kontemplat mill-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9. Dan gie pjenament konfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana** deciza fil-5 ta' Frar 1998 fejn gie ritenut:-

*"Skond din id-disposizzjoni, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc.* ***Il-Ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari, sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghal finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni, il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal hekk imsejjha "offiza gravissima" skond l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali.****"* [enfasi ta' din il-Qorti][2]

Fir-rigward, il-Qorti thoss li ghandha tosserva illi ghalkemm fic-certifikat mediku fuq imsemmi, l-offizi riskontrati fil-wicc tal-parti offiza gew deskritti bhala hfief ("*slight*"), m'hijiex marbuta mal-opinjoni medika u tista' tasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li seta' esprima tabib mediku. Wara kollox, il-principji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' griehi ghall-fini ta' proceduri kriminali huma ben assodati fl-ordinament guridiku taghna, u huwa stabbilit ukoll illi l-Qorti tista' tasal ghal konkluzjoni differenti minn dik tat-tobba. Jinsab ritenut pacifikatament illi:-

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad...). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". ... Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[3]

---

[2] Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**, deciz fit-2 ta' Settembru 1999:-*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju.*

[3] **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** – Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004.

Ghaldaqstant, il-frattura tal-ghadma tal-imnieher jirrientra pjenament bhala sfregju fil-wicc ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 minkejja li l-frattura setghet fieqet wara ftit taz-zmien u minkejja li ma tkun halliet l-ebda effett vizibbli jew konsegwenzi ohrajn.

Ikkunsidrat;

Fil-gabra ta' dan kollu, ghalkemm ghall-imputazzjoni odjerna li taghha l-imputat qed jinsab hati, tinghata piena ta' prigunerija minn sena sa seba' snin skont kif stipolat fl-Artikolu 216(1) tal-Kapitolu 9, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz u mehud qies tal-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula, il-Qorti hija tal-fehma li ma jkunx spedjenti li twahhal piena lill-imputat. Din il-konkluzjoni l-Qorti waslet ghaliha anke minhabba l-fatt li evidentement, dan kien incident li sehh u eskala purament frott l-immaturita` taz-zewg partijiet li ma gharfux jindirizzaw b'mod meqjus u moderat il-konsegwenzi tat-terminazzjoni tar-relazzjoni taghhom. Fic-cirkostanzi, anke in vista tal-fatt illi l-partijiet rizolvew id-differenzi taghhom, il-Qorti tqis li jkun ferm iktar opportun li taghmel ordni li biha tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul perijodu ta' sentejn.

Izda fl-istess waqt, in vista ta' dak li jirrizulta mill-istqarrija tal-imputat u mill-verzjoni moghtija mill-parti offiza fl-okkorrenza dwar dan l-incident, il-Qorti tqis li huwa mehtieg li tipprovdi ghas-sigurta` ta' Francesca Vassallo u sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku billi torbot lill-hati b'obbligazzjoni skont kif prospettat fl-Artikolu 383 tal-Kap. 9.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni l-Qorti ssib lil NICHOLAS CAMILLERI**

**hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul perijodu ta' sentejn mil-lum.**

**Il-Qorti fissret lill-hati bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u billi tqis li huwa xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Francesca Vassallo u sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, il-Qorti qieghda torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' hames mitt Ewro (€500), ghal zmien tnax-il xahar mil-lum.**

**Billi ma jirrizultax li gew mahtura xi esperti f'dawn il-proceduri jew fil-*proces-verbal* tal-inkjesta, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba maghmula mill-Prosekuzzjoni ghall-finijiet tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tichad it-talba ta-Prosekuzzjoni ghall-hrug ta' Ordni ta Trattament ghall-finijiet tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi ma jirrizulta l-ebda htiega li taghmel ordni bhal dik fil-konfront tal-hati.**

**Il-Qorti qieghda tordna li l-atti tal-proceduri kif ukoll kopja ta' din is-sentenza, jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem tax-xoghol a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**

**MAGISTRAT.**

*Illum, 10 ta' Settembru 2020*

*Magistrat Dr. Rachel Montebello B.A. LL.D.*